MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta tat-2 ta' Ottubru, 2014

Appell Kriminali Numru. 14/2011

Appell numru 14/2011

Il-Pulizija

versus

***Omissis***

Illum 2 ta' Ottubru 2014

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli gewwa ***Omissis*** ezattament gewwa l-iskola ***Omissis*** li kienet maghrufa bhala ***Omissis***, u/jew fi bnadi ohra f'awn il-Gzejjer, fis-sena 2000 u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti maghmulina minnu ukoll jekk fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda,

1. b'eghmil zmieni kkorrompa lil minuri ***Omissis***;
2. offenda l-pudur jew il-morali, b'eghmil li sar f'lok pubbliku, jew f'lok espost ghall-pubbliku.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-11 ta' Jannar, 2011, li biha, wara li rat l-artikoli 18 u 203(1)(c) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellant hati ta' l-ewwel akkuza u kkundannatu ghal prigunerija ta' tlett (3) snin.

Din il-piena giet akkordata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatti spece tal-kaz, inkluz l-eta` ta' l-imputat, il-fedina penali nadifa tieghu, l-fatt illi l-imputat kien mhux biss ghalliem, izda Counsellor ghall-istudenti ta' l-iskola u l-fatt li fl-ambitu ta' atti di libidine l-azzjonijiet ta' l-imputat ma kienux mill-aktar gravi u sehhu minn fuq il-hwejjeg.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fil-21 ta' Jannar, 2011, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha kwantu l-esponenti ma giex misjub hati tat-tieni imputazzjoni u tirrevokaha kwantu l-espnenti nstab hati tal-ewwel imputazzjoni, tiddikjarah mhux hati u tilliberah minn kull imputazzjoni u htija skond il-ligi, jew alternattivament u subordinatament, f'kaz illi dina l-Onorabbli Qorti tasal ghal xi forma ta' xi interpretazzjoni ohra differenti minn dik tal-esponenti kif hawn fuq esposta, dwar id-dikjarazzjoni tal-Ewwel Qorti dwar

it-tieni imputazzjoni, li b'kull mod is-sentenza appellata tigi revokata kwantu sejbien ta' htija taht l-ewwel imputazzjoni, b'dan li l-esponenti jigi liberat minn kull imputazzjoni u htija skond il-ligi u alternattivament u subordinament f'kaz li l-htija taht l-ewwel imputazzjoni tkun konfermata, joghgobha li tvarja l-piena nflitta ghal piena ohra anqas u aktar ekwa.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant huwa s-segwenti w cioe` :-

Illi preliminarjament bl-akbar rispett lejn id-decizzjoni tal-Ewwel Onorabbli Qorti, il-prosekuzzjoni ma ppruvatx il-kaz taghha fil-grad rikjest mill-ligi, kif ukoll illi m'ghandhiex tinstab htija dejjem, bla pregudizzju ghall-premess, fuq aggravant li ma kienx meqjus fl-ewwel imputazzjoni.

Illi di più ghall-ahjar kjarezza ta' hsieb l-esponenti ser jaqsam l-aggravju tieghu billi fl-ewwel lok jitratta dwar il-punt ta' dritt li jikkoncerna n-nota tar-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali u l-aggravju taht l-artikolu 203 li fil-konfront tieghu l-esponenti gie misjub hati; fit-tieni lok ser jitratta dwar il-fatt li b'applikazzjoni tal-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali l-Ewwel Onorabbli ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi kif ukol li l-provi imressqa mill-prosekuzzjoni legittimament u ragjonevolment ma jwasslux fil-grad rikjest mill-ligi ghall-htija tal-imputazzjonijiet dedotti kontra l-esponenti, u fit-tielet lok ser jghaddi biex jitratta dwar is-sentenza appellata stess fejn jidher illi l-Ewwel Onorabbli Qorti, bir-rispett, kienet

influewenzata minn interpretazzjoni u applikazzjoni zbaljata tal-ligi in konnessjoni mad-dritt penali. Fl-ahhar lok, l-esponenti ser jaghmel is-sottomissjonijiet tieghu dwar piena.

**1) In-nota tar-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali u l-aggravju taht l-artikolu 203 li fil-konfront tieghu l-esponenti gie misjub hati**

<u>1.a. Nota tar-rinviju ghall-gudizzju ma tistax izzid reati li dwarhom ma tkunx saret il-kumpilazzjoni</u>

Illi mill-bidu nett qed jigi sottomess illi ghalkemm l-esponenti ser jargumenta fis-sezzjoni hawn taht illi l-Ewwel Onorabbli ma setghetx legalment issib lill-appellant hati taht l-proviso ta' l-artikolu 203(1)(c), dan ma ghandu bl-ebda mod jittiehed, bhala li l-esponenti qieghed mill-banda l-ohra jaccetta l-fatt illi kellu jinstab hati tal-artikolu 203 minghajr l-aggravju. Dan l-ewwel aggravju qieghed jigi mressaq 'il quddiem biss minghajr pregudizzju ghall-aggravju tieghu dwar il-htija, izda subordinatament f'kaz ta' konferma ta' htija, l-htija ghandha tigi dikjarata biss taht l-artikolu 203 minghajr ebda aggravju taht il-paragrafi (a) sa (c) tal-artikolu 203(1).

L-esponenti, skond l-istess tahrika tal-kawza mahruga mill-pulizija datata 30 ta' Novembru 2004 tressaq il-Qorti fuq imputazzjonijiet talli: bl-ewwel wahda tkun dik talli ***"b'ghemil zieni ikkorrompejt llil minuri Omissis" –*** u xejn izjed. Ma hemm l-ebda indikazzjoni bl-ebda mod ghall-proviso, u cioè l-aggravju tal-istess artikolu 203 li jaghmel dan ir-reat iktar gravi u li jorbot mieghu piena aktar harxa, b'minimu ta' zmien ta' prigunerija tassattiv.

Fin-nota tar-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali datata 2 ta' Gunju 2005 (li tinsab a fol 113 tal-process) l-Avukat Generali fin-nota ma ghamel l-ebda indikazzjoni ghal xi cirkostanza aggravanti li tinsab fil-proviso tal-

artikolu 203(1) tal-Kodici Kriminali. Dan jfisser ghalhekk illi l-prosekuzzjoni **qatt** ma xliet lill-esponenti li huwa kkommetta tali delitt fil-vesti ta' tutur ta' ***Omissis***.

Madanakollu, l-Ewwel Onorabbli Qorti, ghalkemm ma kien hemm l-ebda indikazzjoni ghal xi aggravju partikolari, la taht l-artikolu 203(1) fin-nota tal-Avukat Generali u wisq anqas fic-citazzjoni ta' Novembru tal-2004, hija sabet htija taht is-subartikolu (1)(c) tal-artikolu 203 tal-Kodici Kriminali u ghaldaqstant rabtet lill-imputat, qua appellant, b'piena tassattiva ta' prigunerija minn tlett snin sa sitt snin.

Decizjoni b'hekk li l-esponenti sabu ruhu mhux biss misjub hati, izda misjub hati b'mod differenti (aktar gravuz) minn dak li huwa gie akkuzat originarjament!

Filwaqt illi huwa minnu illi s-sub-artikolu (1)(c) tal-artikolu 203 tal-Kap 9 li tieghu l-appellant instab hati, huwa parti mill-artikolu 203 liema artikolu kien indikat fin-nota tal-Avukat Generali, madanakollu l-interpretazzjoni tal-Qrati taghna ghamluha cara matul is-snin illi fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju li ssir skond l-artikolu 370(3) (kif inhu l-kaz odjern), filwaqt illi jista' jnaqqas reat jew reati u anke jzid skuzanti, ma jistghux jizdiedu reati li dwarhom ma tkunx saret il-kumpilazzjoni.

Il-*leading judgement* fuq dan il-punt ta' ligi huwa l-kaz deciz minn dina l-Onorabbli Qorti fl-ismijiet ***"il-Pulizija vs Michael Carter"***[1], fejn gie ritenut illi:

> **"Fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju skond l-Artikolu 370(3) <u>ma jistghux jizdiedu reati li dwarhom ma tkunx saret il-kumpilazzjoni</u>; l-Avukat Generali, naturalment, <u>jista' jnaqqas reat jew reati u anke jzid skuzanti</u>. Bhal fil-kaz tal-att ta'**

[1] deciz per Onor. Imhallef Vincent Degaetano nhar is-7 ta' Dicembru 2001

**akkuza, jekk fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju taht l-imsemmi Artikolu 370(3) l-Avukat Generali jakkuza lil xi hadd bhala awtur ta' reat, il-Qorti tal-Magistrati, wara li tkun akkwistat il-kompetenza bil-kunsens ta' l-akkuzat (Art. 370(3)(c)), tista' ssibu hati ta' tentattiv ta' dak ir-reat, jew ta' reat iehor anqas gravi izda kompriz u involut f'dak ir-reat, jew bhala komplici f'dak ir-reat."**

Ghaldaqstant, l-Ewwel Onorabbli Qorti, tenut kont tal-fatt illi l-imputazzjonijiet originali ma kienux jirravizzaw l-aggravju ta' meta l-allegat abbuz isir minn persuna li lilu jkun gie fdat il-minuri sabiex jedukah, kif ukoll tal-fatt li l-Avukat Generali fin-nota tieghu ma semmiex dan l-aggravju, ma setghetx, l-Ewwel Qorti, bir-rispett, *sua sponte* tiddeciedi:

**"Illi ghalhekk tiskatta l-aggravju mahsub taht l-Artikolu 203(1)(c) tal-Kap tal-Ligijiet ta' Malta".**

Ir-ragunar legali li l-Ewwel Qorti adoperat matul l-analizi tal-provi minnha maghmul, huwa ferm inkwetanti, stante li s-suespost jista` jkun mifhum li l-forma mentis tal-Qorti ma kienx imparzjali miz-zewg partijiet fil-kawza, izda li l-Ewwel Qorti kwasi kwasi *she bent backwards to try and save the day* ghal prosekuzzjoni.

Una volta beda jezisti f'dawn il-proceduri stat ta' fatt fejn l-Avukat Generali ma attribwixxa l-ebda cirkostanza aggravanti lill-esponenti, l-Ewwel Qorti setghet jew issibu hati hekk kif mixli jew ta' xi reat iehor anqas gravi izda wkoll li jkun involut u kompriz f'dak r-reat li dwaru tkun saret il-kumpilazzjoni, izda zgur mhux dwar aggravju li qatt ma kien is-suggett tal-imputazzjonijiet u lanqas tal-kumpilazzjoni odjerna.

1.b. Jekk l-Avukat Generali ma jiddistingwix bejn sub-paragrafu u iehor il-Qorti ghandha tqis l-inqas piena

Naturalment, a kuntrarju sensu jista' jigi argumentat illi hawnhekk l-aggravju in kwistjoni huwa wiehed illi jissemma fl-istess artikolu 203 tal-Kap 9 li huwa indikat fin-nota tal-Avukat Generali. Madanakollu dan l-argument ma huwiex wiehed mibni fuq il-principji sani tal-ligi penali.

L-aggravju/il-proviso in kwistjoni johloq piena ohra differenti minn dik kontemplata fl-artikolu 203 minghajr dan il-proviso. Din il-piena hija ferm oghla minn dik tal-korruzzjoni ta' minuri minghajr l-aggravju u tali piena ta' prigunerija hija tassattiva. Ghalhekk, jekk wiehed ghall-grazzja tal-argument jabbracja dan l-argument, dan ikun imur diametrikament oppost mal-principji supra citati fejn l-Avukat Generali jista' biss jnaqqas ir-reat jew reati u anke jzid skuzanti. Fi kliem iehor jista' jikkwota artikoli li minnhom l-imputat jista' jibbenefika piena anqas izda mhux izid gravuza.

Fil-kaz odjern stante li ghall-agravvju in kwisjtoni hemm piena ohra kontemplata ferm oghla minn dik taht l-artikolu 203 (1) minghajr il-proviso, sejbien ta' htija taht dan l-aggravju huwa ekwivalenti ghall-istess pregudizzju li l-imputat isofri meta jigi rinfaccjat b'reat iktar gravi fin-nota tar-rinviju ghal-gudizzju tal-Avukat Generali.

Apparti minn hekk, wiehed ghandu wkoll iqis il-principju legali li f'kaz li d-disposizzjoni taghti lok ghall-interpretazzjoni diversa, il-Qrati taghna ghandhom dejjem japplikaw dik l-interpretazzjoni l-aktar favoribbli ghall-imputat.

L-imputat kien qed jaffacja imputazzjoni ta' korruzzjoni ta' minorenni *punto e basta*. Ghaldaqstant, il-Qorti ma kienitx legalment korretta meta mhux biss

sabitu hati ta' korruzzjoni ta' minorenni izda ddecidiet *ex officio* illi ssibu hati wkoll tal-aggravju taht l-artikolu203(1)(c).

Dan l-argument jsib komfort ukoll fil-gurisprudenza ta' dina l-Onorabbli Qorti, b'mod partikolari fis-sentenza ***Il-Pulizija vs Joseph Cini***[2]. F'dan il-kaz hawn citat, dina l-Qorti iddecidiet illi stante li n-nota tal-Avukat Generali ma kienitx ghamlet distinzjoni bejn il-paragrafu (a) u (b) tal-artikolu 279 tal-Kodici Kriminali, l-Qorti kellha tqis l-anqas fost iz-zewg aggravji tal-valur u dana bhala estensjoni tal-hsieb legali naxxenti mill-principju *in dubbio pro reo.* Fil-fatt, fil-kaz hawn citat, din il-Qorti testwalment tghid:

> **"Fl-imsemmija nota l-Avukat Generali ma jiddistingwix bejn il-paragrafu (a) u l-paragrafu (b) tal-Artikolu 279 tal-Kodici Kriminali, u ghalhekk din il-Qorti ghandha tqis l-anqas fost iz-zewg aggravji tal-valur..."**

L-esponenti jissottometti bir-rispett li t-tghalim supra indikat, applikat fil-kaz odjern, minghajr pregudizzju ghall-aggravji sussegwenti, jirriflettu ruhhom b'dana illi f'kaz ta' konferma tas-sejbien ta' htija tal-esponenti a tenur ta' l-artikolu 203(1) tal-Kodici Kriminali, li l-piena li tinghata tkun fil-parametri tal-piena imsemmija fis-sub-inciz (1) biss u mhux il-piena applikabbli a tenur tal-paragrafu (c) tas-sub-inciz (1) tal-artikolu 203 tal-Kodici Kriminali.

<u>1.c. Ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem</u>

Is-suespost jiehu xjera aktar important meta jkun mehud u analizzat fid-dawl tad-dritt Kostituzzjonali. Il-pozizzjoni li l-esponenti jinsab fiha prezenzjalment bis-sejbien ta' htija hekk kif maghmul mill-Qorti tal-Magistrati, hija tali li d-drittijiet fundamentali tal-appellant ghall-smigh xieraq u ghad-dritt illi jiddefendi lilu nniffsu bl-ahjar mod possibli ikun gie vjolat u

[2] deciza per Onor. Imhallef Dr. Vincent Degaetano nhar il-21 ta' Frar 2001

dana bi ksur tal-artikolu 39(6)(b) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u l-artikolu 6(3)(a) tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem.

**2) L-apprezzament tal-provi.**

2.a. L-applikazzjoni tal-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali

L-esponenti umilment jissottmetti illi minhabba n-natura tal-imputazzjoni li bih huwa rinfaccjat, ix-xiehda ta' ***Omissis*** kif ukoll tieghu stess huma importantissimi stante li hawn si tratta ta' sitwazzjoni fejn dan l-allegat reat sar allegatament go klassi vojta fejn ma kien hemm hadd iehor prezenti u fejn hemm assenza ta' provi ohra li jistghu b'xi mod jitfghu dawl car fuq l-akkadut.

Din kienet wahda mir-ragunijiet principali ghaliex fil-*Common Law* kien hemm rekwizit ghat-twissji ghal korroborazzjoni meta si tratta ta' reati sesswali. Il- kaz ta' ***Willoughby***[3] jillustra bl-aktar mod car din il-preokkupazzjoni fejn intqal li:

> **"The wisdom of the ages in the courts [has] shown that there are very great difficulties and dangers in regard to sexual crime. The reason is this, that almost invariably there are only two persons involved, no direct witnesses, and complainants can give false or merely mistaken evidence for different reasons. Sometimes they can deliberately invent on occasion, on others they may shield somebody they do not wish to be found culprit, they may exaggerate or fantasies and it is not always easy for the defendant to prove as it were a negative."**

[3] *R v. Willoughby* (1998) 88 Cr App R 91, 93

In fatti, kemm l-***Archbold***[4] kif ukoll l-***Blackstone***[5] fid-dawl tal-gurispurdenza ricenti Ingliza, jikkonsidraw it-testimonjanzi tal-persuni bhal ***Omissis*** bhala *"potentially unreliable"* u jikkwalifikaw biex fil-konfront taghhom tinghata l-*"care warning"*[6].

Ghaldaqstant wiehed ghandu b'aktar kawtela jqis t-testimonjanza ta' ***Omissis*** u ghnadu jkun gurat li dak li jiddisponi l-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali jkun applikat rigorozament. L-Ewwel Onorabbli Qorti gustament kkwotat dan l-artikolu tal-Kodici Kriminali. Izda minflok ma dahlet biex turi kif u ghaliex qieghda temmen minghajr dubju ragjonevoli l-allegazzjoni ta' ***Omissis***, qabdet u ddecidiet illi x-xhieda ta' ***Omissis*** kienet tghaddi minn dan it-test tal-linji gwida u dan ghaliex skond hi *"tisthoq li tigi emmnuta, hija verosimili u ghandha mis-sewwa"*.

Ghalkemm hija l-prosekuzzjoni tramite dan ix-xhud li riedet tipprova l-kaz minghajr dubju dettat mir-raguni, l-Ewwel Onorabbli Qorti, bir-rispett, ma qaghdixt tidhol fi skrutinju dwar ix-xiehda kollha ta' ***Omissis*** fid-dawl tac-cirkostanzi kollha. Kieku l-analizi ta' ***Omissis*** sara korrettament skond l-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali, kieku l-esponenti ma kienx jinstab hati.

Fil-kaz odjern, anzi gara l-oppost billi l-Ewwel Qorti mhux talli ma applikatx strettament tali artikolu, talli gutifikat l-inkonsistenzi ta' ***Omissis*** billi kkwalifikathom bhala *"zghar"* u li huma frott tal-fatt li ma ghandux IQ gholi. Bir-rispett ma ngabet ebda prova psikologika li ***Omissis*** kellu IQ baxx u kwindi din il-konkluzzjoni tal-Qorti ma hjiex mifhuma a bazi ta' xhiex saret!

---

[4] P.J. Richardson (ed), *Archbold Criminal Pleading, Evidence and Practice* (Sweet & Maxwell, 2007) 4-404

[5] Hooper, Lord Justice and Ormerod, David (eds) *Blackstone's Criminal Practice 2009* (OUP 2008) [F5.5]

[6] Direzzjoni da parti tal-gudikant lill-gudikant tal-fatt sabiex iqisu dik ix-xiehda b'kawtela qabel ma jserrhu fuqha. (Simili ghall-artikolu 639(3) tal-Kodici Kriminali).

Dato ma non concesso li ***Omissis*** ghandu IQ baxx, kif qatt jista` jigi accettat li dak li huwa suppost vittima lill-ewwel persuna li jkellem u jiftah qalbu mieghu jghidlu li t-tbaghbis kien fuq il-warrani u wara komodament jghid li kien fuq il-parti tieghu? L-esponenti bir-rispett jghid li mhux talli ***Omissis*** ma ghandux IQ baxx talli l-oppost, ghandu IQ gholi bizzejjed li huwa kapaci jivvinta storja biex jipprova jigbed simpatija tat-terzi – jilghaba tal-miskin, jilghaba tal-vittima. Din il-varjazzjoni cioe` ta' liema parti privata ntmess ***Omissis*** tammonta biss ghall-kontraddizzjoni altru minn zghira u tincidi direttament fuq il-linji gwida tal-artikolu 637 tal-Kap 9, b'dan li tpoggi f'dubju serju l-veracità o meno tal-allegat akkadut.

Ghalhekk jigi mistoqsi legittimament u ragjonevolment, vittima ta' dan it-tip ta' reat tithawwad fuq fejn u kif intmesset, li wara kollox hu att materjali intrinsikament mehtieg bhala ingredjent tad-delitt in dizamina?

Legittimament u ragjonevolment lil min qieghed jghinek, fil-kaz odjern il-Pulizija, ma tghidilhomx li lil ***Omissis*** ghedltu li missek fuq il-warrani minhabba li kont misthi?

Legittimament u ragjonevolment int li int vittima u allura minhabba esperjenza kera bhal din inti hajtek inbidlet, u li zgur li tiftakkar kollox, kif fuq il-pedana tax-xhieda ma tghidx li lil ***Omissis*** semmejtlu l-warrani ghax kont misthi jew taghti raguni ohra?

Legittimament u ragjonevolment ***Omissis*** ma ghamel xejn minn dan kollu ghal raguni wahda u wahda biss – ghax il-giddieb jithawwad u jinqabad fil-gideb tieghu stess. Il-verita` ma tintnessa qatt. Il-verita` hija wahda.

<u>2.b. Inkonsistenzi ohra – n-numru ta' drabi</u>

Fix-xiehda ta' ***Omissis*** li l-Ewwel Onorabbli Qorti ma kkunsidratx kienet il-kwistjoni ta' kif kien isir dan l-allegat inkontru. A fol 13 fuq domanda tal-istess Qorti nsibu:

> "Qorti: **Hu kien ikun ga prezenti meta kont tidhol int?**
> Xhud: **Jew inkella kont nistennieh barra**
> Qorti: **Kont tistennieh barra.**
> Xhud: **Ehe** imma dejjem kien isakkarha l-kamra mbaghad minn gewwa."

Wiehed hawnhekk bilfors ikollu jghamel id-domanda u jsaqsi kif ragjonevolment guvnott ta' 15 il-sena fil-Form 3, li jaf, skond it-tezi tieghu, li jekk jidhol gol-klassi tal-komputer, fejn jsir dan l-abbuz, madanakollu jaghzel li jibqa' jmur u iktar minn hekk meta ma jsibx lill-ghalliem li suppost jabbuzah, jibqa' barra jistennieh?

Dan il-komportament ghandu mis-sewwa? Huwa verosimili? Hekk nistennew li jsir fil-hajja? Meta inhadmu l-buon sens taghna, dan l-eghmil hu accettabbli?

Jew ghandu izjed mis-sewwa l-fatt li meta wiehed jisfa abbuzat l-ewwel darba, wara dik id-darba jaghmel minn kollox biex jevita kull okkazzjoni li tista' tippermetti ripetizzjoni ta' tali allegat abbuz?

***Omissis***, mhux talli hu ma ghamilx minn kollox biex jevita tali sitwazzjoni, talli meta kien imur u ma kienx lill-esponenti hemm, kien jibqa' jistennieh!!

***Omissis*** jixhed li dan l-allegat abbuz kien isir waqt il-hin tal-break u li waqt li ma kienx ikun hemm lezzjonijiet, il-klassi tal-kompjuters kienet tkun imsakkra. Di più l-ghalliem, cioè l-esponenti ma kienx ikun fil-klassi. L-esponenti mbaghad jixhed illi waqt il-hin tal-break huwa ma kienx ikun fil-

klassi tal-kompjuter u li hafna drabi kien ikun jghin l-istudenti stante li kien *career guidance*. L-istess ***Omissis*** jixhed ukoll illi dan l-allegat abbuz sar ghaxar darbiet fuq medda ta' sitt xhur, mela mhux kuljum. Fid-dawl ta' dan kollu, id-domanda li ssegwi awtomatikament hija, la l-ghalliem ma kienx ikun fil-klassi fil-break, kellu bilfors suppost ikun hemm xi tip ta' ftehim bejn l-ghalliem u l-istudent, izda dan l-arrangament x'kien? ***Omissis*** ma jtina l-ebda hjiel dwar dan l-arrangament, anzi minflok jghidilna li kien joghqod jistennieh.

B'kull dovut rispett, sitt xhur ta' skola jkolla madwar 120 gurnata skola u konsegwentament 240 il-break (zewg breaks kull gurnata). Allura x'kien jigri? Il-minuri mara jstennieh 240 darba wara l-klassi, izda l-ghalliem inzerta tela fil-klassi 10 darbiet biss? Jekk, ghall-grazzja tal-argument ninjoraw l-aggravju tal-paragrafu precedenti, dan l-allegat abbuz sehh, skond kif qed jallega l-istess ***Omissis***, tenut kont tal-fatt illi f'sitt xhur sar 10 darbiet biss, xi tip ta' arrangament ried ikun hemm bil-fors. Madanakollu hjiel ta' dan l-arrangament ma hemm mkien fix-xhieda tieghu. Ghandu mis-sewwa dan? Ghandu mis-sewwa illi fuq domanda specifika tal-Qorti dwar kif kien isir dan l-inkontru, x-xhud ma jaghtix imqar dettal wiehed dwar dan l-arrangament?

Jew huwa izjed verosimili l-fatt illi stante illi arrangamenti ma kien hemm xejn, ghaliex effetivament ma kien jigri l-ebda abbuz fil-klassi tal-kompjuter, ix-xhud ma setax jixhed dwar dan id-dettal, ghax ma kienx jaf x'ser jivvinta dak il-hin meta mistoqsi?

***Omissis*** jixhed illi l-esponenti qatt ma tah l-ebda ordni fis-sens li ordnalu biex jibqa' fil-klassi fil-break jew biex jaghmel jew ma jaghmilx xi haga ohra. A Fol 42 infatti insibu s-segwenti domandi:

> "Qorti: **Qatt xi darba tak xi ordni biex tibqa' hemm hekk fil-break?**
>
> Xhud**: Le** ….

Qorti: **Qatt ma sakkarlek il-kamra biex ma jhallikx lilek tohrog u lill-ohrajn hargu kollha jigifieri?**
Xhud: **Le le le le"**

Madanakollu kif spjegat iktar 'il fuq, huwa xorta wahda baqa' jmur waqt il-break fil-klassi tal-kompjuter u sahansitra skond hu stess kien joqghod jistenna lill-esponenti. Fid-dawl ta' dan kollu, ghal l-ennezima volta wiehed jerga' jistaqsi, imma dan ghandu mis-sewwa li guvnott ta' 15-il sena li allegatament qed isfori xi tip ta' abbuz, wara l-ewwel darba, jerga jmur hu stess u minn jeddu ghat-tieni u t-tielet darba u dan wara li ma jkun hemm l-ebda tip ta' theddid jew ordnijiet minn naha tal-allegat perpetratur? Jew ghandu izjed mill-buon sens, anzi hija kwazi instintiva li meta wiehed isofri xi abbuz jaghmel minn kollox biex ma jergax isib ruhu fl-istess cirkostanzi li wasslu ghall-abbuz? Ghal darb'ohra hawnhekk, id-deposizzjoni ma tghaddix mill-linji gwida tal-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali.

Jekk inti qieghed tiehu pjacir b'dak li qieghed jsir lilek u allura tmur numru ta' drabi sabiex tiehu pjacir, ghalfejn ma tibqax tmur fl-istess post, li inti xorta wahda qieghed fih ta' kuljum, fis-snin li ***Omissis*** ma ghadux jghallmek? Hu ghandu jfakkar illi l-esponenti ghallem lil ***Omissis*** ghal erba` snin, cioe mill-Form 1 sa Form 3, u fil-Form 3, darbtejn ghax irrepeta.

Jekk ***Omissis*** huwa vera hati, mela ***Omissis*** kien qieghed jiehu pjacir. Mela jsegwi li allavolja ***Omissis*** ma kienx ghadu student tieghu wara l-Form 3, dawn it-tnejn xorta wahda kellhom l-opportunita` kollha li fil-breaks kollha matul il-Form 4 u l-Form 5 huma jilqatghu fil-klassi imsakkra sabiex jfittxu lil xulxin u jiehdu pjacir. Allura ghalfejn ma garax hekk skond ***Omissis***? ***Omissis*** ma jaghtinix twegiba.

<u>2.c. Inkonsistenzi ohra – loghob fuq il-computer</u>

Kontradizzjoni cara ohra li ghalkemm imsemmija fin-nota ta' sottomissjonijiet tad-difiza, l-Ewwel Onorabbli Qorti xorta wahda skartat fis-sentenza taghha, hija l-fatt li ***Omissis*** jghid li dan l-abbuz kollu beda ghaliex darba huwa baqa' gewwa waqt il-hin tal-break tal-break halli jghallem xi loghba tal-kompjuter lill-esponenti li kien jigi ghalliem tal-kompjuter tieghu stess[7].

L-appellent mill-banda l-ohra xehed illi huwa qatt ma kien jaqbel mal-loghob tal-kompjuter, anzi pjuttost ried inehhihom minn fuq il-kompjuters ghax kien jaf li dawk igibu vizzji fuq l-istudenti però r-rettur ma kienx qabel mieghu.

Dan minnufih diga ghandu jimplika li l-esponenti bhala ghalliem ta' dik id-dixxiplina, li kien mlaqqam bhala *Robocop,* peress li kien pjuttost sever u ta' dixxiplina u li kien kontra l-loghob fuq il-kompjuter ma kienx ser ihalli studenti jidhlu fil-klassi waqt il-break biex joqghodu jilghabu bil-loghob ta' fuq il-kompjuter waqt il-break.

F'dan il-kuntest tqum il-mistoqsija konsegwenzjali, naturali, ghalliem tal-computer ghand bzonn tifel tal-Form 3 biex jghallmu kif tintuza loghoba fuq il-computer? Computers li dan l-ghalliem jutilizza f'xogholu kulljum?

**3) Is-sentenza appellata u d-dritt penali.**

L-Ewwel Onorabbli Qorti, fis-sentenza appellata gabret sunt tal-provi b'hekk illi l-istess sentenza tirrifletti l-analizi tal-provi hekk kif maghmul mill-Qorti stess. Bl-akbar rispett, l-esponenti jissottometti li certu provi gew skartati, jew ahjar ma gewx moghtija l-piz dovut skond il-ligi.

- **Ir-rapport mal-Pulizija u fatti antecedenti**

---

[7] Vide folios 12 u 32 tal-atti processwali.

L-Ewwel Onorabbli Qorti tibda biex issemmi l-fatt illi mix-xhieda tal-prosekuzzjoni, b'mod specjali ta' ***Omissis*** jirrizulta illi huwa rregistra rapport l-ghassa tal-Pulizija fuq abbuz sesswali da parti ta' l-ghalliem tieghu tal-kompjuter li kien jghallmu meta kien student fl-iskola tas-sekondarja St. Elias u tieqaf hemm biex tghaddi immedjatament ghal dettalji ohra li jaghti l-istess ***Omissis*** dwar dan l-allegat abbuz.

Li ma ssemmix il-Qorti hija s-sekwenza tal-fatti u ta' cirkostanzi ohra li graw qabel ma sar dan ir-rapport mal-pulizija snin wara l-allegat akkadut ..

L-Ewwel Onorabbli Qorti ma tghidx illi kien f'Marzu tal-2004 illi sar dan ir-rapport mal-pulizija, u li dan sar wara li f'Jannar tal-istess sena 2004 ***Omissis*** kien sar jaf bid-decizzjoni tar-Response Team tal-Kurja[8]. Il-mohh maghllin kif jhares lejn din id-decizjoni?

L-esponenti jissottometti li ***Omissis*** irrikorra ghand il-Pulizija wara d-decizjoni tar-Response Team ghax issa hemm forma ta' kredibbilita` ghalieh. Hemm entita` barranija li tgwadi certu rispett, li qed tghid probabbli ***Omissis*** ghandu ragun. Hekk jagixxi mohh maghllin u mhux vera vittima. Il-vittima meta tiddeciedi li trid tiggieled kontra min ghamillha l-hsara, tiftah il-kanuni kollha possibbli fl-istess hin u mhux tilghab loghba chess bit-tir li ggib li vittma taghha checkmate.

Per parentesi ghandu jigi mfakkar kif l-investigazzjoni tar-Response Team sehhet billi l-esponenti deher darba biss quddiem dan il-Bord, mhux assistit minn l-avukat di fiducja tieghu, minghajr ma sar xi forma ta' kontroll fuq ix-xhieda jew analizi tal-provi.

---

[8] Vide dok AM1 esebit minn omm ***Omissis***

Ta' thassib serju, li necessarjament jdahhal dubbju ragjonevoli f'mohh il-gudikant, huwa l-fatt meta wiehed jara s-sekwenza ta' kif ***Omissis*** ta l-ahbar lil tal-familja u lil tlett minn shabu tal-Junior College. ***Omissis*** jaghti l-ahbar ta' dan l-allegat reat lil dawn shabu bniet wahda wahda u qabel ma mar jaghmel ir-rapport mal-pulizija. Ghalfejn ghamel hekk? Legittimament u ragjonevolment l-esponenti jistqasi hekk jigri fil-hajja? Jew ***Omissis*** ghamel hekk sabiex jkollu xhieda in sostenn ta' dak li jghid huwa? L-ghan ta' ***Omissis*** intlahaq stante li s-sentenza appellata tinftiehem li l-Ewwel Qorti hadet a *bocca bacciata* dak li qal ***Omissis*** bhala l-verita! *In ogni caso* dan mhux kaz ta' korroborazzjoni, izda repetizzjoni.

Jekk inti ma ghandekx hbieb, il-ftit li ghandek li inzertaw nisa li ilek tafhom ftit xhur, int li int guvni normali bil-*hormones* tieghek normali, tghidilhom li inti gejt abbuzat jew tipprova turi kemm inti ragel tal-affari tieghek? X'gara in konsegwenza ta' tali dikjarazzjoni? ***Omissis*** jwiegeb *"xejn sirna aktar close hux mbaghad"*[9]. Dan kollu huwa agir normali ta' guvni adolexxent? Jew huwa agir ta' xi hadd li qieghed jipprova jigbor is-simpatija ghal finijiet maghrufa lilu biss?

L-istess ***Omissis*** jkompli jzid illi huwa kien ddecieda illi jghid lill-pulizija b'dan l-allegat abbuz ghaliex skopra illi kuginuh Mark Buhagiar seta' kien qed jigi abbuzat mill-istess ***Omissis***.

Kif qatt ma ttiehdu proceduri kontra l-esponenti ghal dak li skond ***Omissis***, l-esponenti suppost ghamel lil ***Omissis***[10]?

Ghalfejn qatt ma tela` jixhed ***Omissis*** meta l-Pulizija ghandha daqstant informazzjoni "kredibbli" minn sors daqstant tajjeb?

---

[9] vide fol. 50 tal-atti processwali

[10] a fol 13 tal-process jghid illi kien ghamel rapport mal-pulizija ghaliex "skopra", skond hu, li l-istess abbuz gara fuq kuginuh u mhux "seta' gara" ghal kuginuh:

> ***"is-sena l-ohra skoprejt li l-istess abbuz gara ghal kuginuwi, ghax kuginuwi jmur l-istess skola skoprejt li anke kuginuwi gie abbuzat mill-istess teacher".***

Ghalfejn qatt ma telghu jixhdu l-persuni l-ohra msemmija f'dok AM1? L-uniku persuni li setghu jorbtu rabta coff il-kaz tal-prosekuzzjoni u ma jittelghux jixhdu?

Ghalfejn qatt ma ttiehdu proceduri kontra Attard minhabba dak li suppost ghamel lil dawk il-persuni?

Ghalfejn il-pulizija li kienet taf bid-decizjoni tar-Response Team qatt ma nvestigatu lill-esponenti in konnessjoni mal-persuni l-ohra?
Fl-ahhar lok, jekk wiehed jikkonsidra l-preokkupazzjoni ta' ***Omissis*** illi l-ghalliem, u cioè l-esponenti seta' kien qed jabbuza minn kuginuh ukoll. Fid-dawl tad-dati, wiehed ukoll jerga' ghal darb'ohra jasal ghall-konkluzzjoni illi dan ma huwiex veritjier. L-esponenti stess jixhed illi huwa mad-decizzjoni tal-kurja f'Jannar tal-2004 spicca tilef il-post bhala ghalliem u telaq mill-iskola. Ghaldaqstant, il-preokkupazzjoni ta' ***Omissis*** hija infondata ghaliex huwa ghamel ir-rapport mal-pulizija f'Marzu, meta l-ghalliem kien ilu li telaq izjed minn xaharjen mill-iskola u ghalhekk ma kien hemm l-ebda biza' li l-ghalliem ser jirrepeti l-istess agir fuq kuginuh ghaliex effetivament ma kienx ghadu ghalliem f'dik l-iskola! Jekk effettivament huwa ghamel ir-rapport biex jipprotegi lil kuginuh wiehed kellu jistenna li tispicca sena skolastika wahda u tasal biex tibda ohra biex jitressqu l-imputazzjonijiet kontra l-esponenti?

Di più, kien mbaghad f'Ottubru tal-2004, u cioè xitt xhur wara li sar ir-rapport mal-pulizija illi l-esponenti gie interrogat mill-pulizija. Dan id-dewmien ukoll ghandu jigi analizzat. Il-prosekuzzjoni normali ghaliha li moghnija bi provi sodi ddum biex tixli lil xi hadd il-qorti bi ksur ta' ligi? It-twegiba hija naturalment le. Mela kif jista` jigi spjegat dan id-dewmien? It-twegiba unika hija li l-istess l-prosekuzzjoni ma kienetx kunfidenti illi ghandha kaz genwin.

***Omissis*** ghandu mottiv mohbi. Hu irrepeta klassi ghall-sentejn meta l-esponent kien ghalliem. Jirrizulta mill-provi illi ***Omissis*** minn data qabel dan l-allegat akkadut, kellu problemi psikologivi. Dawn huma elenkati u kellhom jinghataw valur. Dawn l-aspetti ma jaghmluhx persuna b'IQ baxx, izda juru illi sew qabel dan l-allegat fatt, mohhu u l-karatteristici tieghu ma kienux ta' persuna normali ghal dik l-eta`.

- **Ir-*Response Team* tal-Kurja**

Fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-esponenti, d-difiza tishaq illi kull konkluzzjoni da parti tal-Kurja kellha tigi skartata u dan minhabba l-fatt illi l-Bord tal-Kurja kien forum differenti, li jimxi indipendentament mill-Qrati ta' Malta u li l-istess forum huwa regolat bi principji regolatrici illi jmorru kontra dak li tipprovdi l-ligi penali specjalment meta si tratta ta' provi, punti procedurali u drittijiet tal-persuna li tkun qed tigi investigata. Bizzejjed nghid illi l-persuna li tkun qed tigi indagata qatt ma tigi informata bir-rapport u d-dettalji tieghu, ma tkunx prezenti meta x-xhieda l-ohra jinstemghu quddiem ir-Response Team u kwindi ma hemm l-ebda kontroll tal-kontro ezami. Fil-kaz odjern l-esponent qatt ma gie informat b'xi decizjoni, izda dak li sar jaf kien mir-Rettur ta' l-Iskola. Di piu` l-bazi ta' tali decizzjoni hu l-grad tal-probabbli, li mhux il-grad rikjest mill-ligi ghall-prosekuzzjoni fil-kamp penali.

Bizzejjed jinghad illi l-esponenti gie mkecci mill-iskola biss ghaliex "probabilment" kien abbuza mill-istess ***Omissis*** u din il-htija giet konfermata wara li l-esponenti deher quddiem ir-Response Team darba wahda biss. Konkluzzjonijiet li qatt ma gew komunikati lill-esponenti sabiex huwa jkun jista` jiehu r-redress tieghu skond il-ligi.

Madanakollu, l-Ewwel Onorabbli Qorti ma ssemmi xejn dwar dan il-fatt illi d-decizzjoni tal-Kurja ma setghetx tigi kunsidrata ai fini tal-proceduri kriminali quddiemha. Mhux talli hekk, talli minflok, fid-decizzjoni tghid illi l-esponenti fix-xhieda tieghu jikkonferma li kien imsejjah quddiem ir-Response Team tal-Kurja u zzid illi dawn l-allegazzjonijiet quddiem il-kurja kienu saru wkoll minn tlett itfal ohra liema tlett itfal però ma tawx ix-xiehda taghhom quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti! Fid-decide tghid biss imbaghad illi *"Id-Difiza talbet lil Qorti tiskansa r-rizultanzi tar-response team tal-Kurja"* u tieqaf hemm. Cioè tghidha biss bhala sottomissjoni tad-difiza u ma twarrabx tali rizultat ghaliex effettivament ma jistghax jigi kkunsidrat. L-Ewwel Onorabbli Qorti ma setghet qatt tiehu konjizzjoni ta' din il-konkluzzjoni tal-Kurja stante li hi inammissibli u konsiderazzjoni ta' din id-decizzjoni tal-Kurja sabiex tigi determinata il-htija o meno tal-imputat quddiemha stess tammonta bir-rispett ghall-interpretazzjoni u applikazzjoni skorretta tal-ligi.

- **Dok AM1**

Il-verita` temergi anke mid-dokumenti li l-prosekuzzjoni tesebixxi. Minghajr pregudizzju ghas-suespost, din il-Qorti qed tigi mistiedna tanalizza dan id-dokument fejn hemm dikjarat:

**"li fl-1998 cirka u fil-perijodu bejn Frar u Ottubru 2003, l-akkuzat ...."**

Dan huwa l-perijodu li trattat l-investigazzjoni tar-Response Team. Id-data tal-akkuza hija s-sena **2000 u fix-xhur ta' qabel**!

Huwa palesi li meta l-prosekuzzjoni tixli lil xi hadd bl-addebitu tal-artikolu 18 tal-Kodici Kriminali hija tispecifika l-quantum taz-zmien. Setghet liberament il-prosekuzzjoni tiddikjara li l-allegat abbuz sar fis-sena 2000 u fis-snin ta' qabel – sabiex b'hekk tinkorpora tal-anqas sas-sena 1998. Pero` ma ghamilitx hekk.

Huwa palesi ukoll, li l-aggravju tal-artikolu 18 tal-Kodici Kriminali, meta jintuza fil-kuntest "u fix-xhur ta' qabel", huwa normalment mifhum li dan jinkorpora mhux aktar minn tnax-il xahar qabel id-data tal-allegat incident.

Legittimament u ragjonevolment galadarba l-prosekuzzjoni ghazlet hi l-perijodu li suppost fihom sar l-allegat abbuz, jsegwi li ***Omissis*** xehed fuq perijodi differenti quddiem ir-Response Team u l-Qorti! **Prova cara ohra li tigddeb lil *Omissis*.**

Jkompli jsegwi ukoll li l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-esponenti ma gewx ippruvati stante li l-provi ma humiex marbuta maz-zmien li bih gie marbut l-esponenti fl-akkuza.

**4) Sottomissjonijiet dwar piena**

Minghajr pregudizzju ghall-aggravji kollha precedenti, l-esponenti qieghed jressaq dan dan l-aggravju f'kaz biss li dina l-Onorabbli Qorti tikkonferma s-sejbien ta' htija tieghu f'xi forma jew ohra.

Il-fatti tal-kaz, l-eta` tal-esponenti, d-dubbji kollha, t-trapass taz-zmien huma kollha cirkostanzi li l-esponenti jkmoplijishaqq fuqhhom. Il-gurisprudenza

tghallem li filwaqt li kull persuna hatja trid tpatti ta' ghemiliha, x'retribuzzjoni qatt jista` jkun hemm jekk ragel anzjan jkun ikkundannat ghal perijodu ta' prigunerija?

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, ghalkemm il-piena inflitta hija wahda fil-parametri tal-ligi, fl-umli fehemha tal-esponenti din tista' tinghata fil-minimu taghha.

Rigward piena wkoll ghandu jinghid illi l-Ewwel Onorabbli Qorti kwantu it-tieni imputazzjoni ddikjarat illi din ma tistax tregi. Indubbjament tali dikjarazzjoni tista biss tiftiehem illi dwar din it-tieni imputazzjoni l-ewwel Onorabbli Qorti ma kienetx qed issib htija. Dan qed jinghid ghaliex ghalhekk isegwi illi t-talba principali lill-dina l-Onorabbli Qorti mill-esponenti ma tistax tkun ghajr wahda ta' riforma fejn id-decizjoni tal-ewwel Qorti dwar it-tieni imputazzjoni tigi konfermata u dik ta' htija dwar l-ewwel imputazzjoni tigi revokata.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi l-appellant kien ghal diversi snin jghallem is-suggett tal-computer studies mill-Form I sa Form III fl-iskola ***Omissis*** maghrufa ukoll bhala ***Omissis***. Fis-sena elfejn (2000) kien hemm student ***Omissis*** li twieled fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Novembru elf disa' mija hamsa u tmenin (1985) (fol 85) li allura kellu erbatax-il (14) sena allega illi l-appellant kien abbuza sesswalment minnu fis-sens illi pogga idejh fuq il-parti genitali ta' ***Omissis***. L-ewwel incident dam sejjer xi hamsa jew ghaxar minuti izda dan rega' sar darba ohra u tkompla fuq medda ta' xitt xhur sakemm ***Omissis*** waqaflu u l-appellant ma kompliex dan l-agir. Fl-elfejn u tlieta (2003) ***Omissis*** tkellem ma' xi hbieb, ma' ommu, u fl-ahhar ukoll mar-response team tal-Kurja u mal-pulizija sakemm f'Ottubru tal-elfejn u tlieta (2003) l-appellant gie infurmat illi kien hemm investigazzjoni ghaddejja fil-konfront tieghu mir-response

team tal-Kurja. Saret decizjoni minn din ir-response team u f'Jannar tal-elfejn u erbgha (2004) ix-xoghol tal-esponenti fl-iskola bhala ghalliem gie terminat. F'Ottubru tal-elfejn u erbgha (2004) l-appellant gie interrogat mill-pulizija u irrilaxxa stqarrija (fol 65) fejn huwa innega l-allegazzjonijiet kollha illi qieghdin jingiebu kontra tieghu. Il-pulizija però ipprocediet kontra tieghu b'citazzjoni illi giet iffirmata fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Novembru tal-elfejn u erbgha (2004) b'akkuzi illi fis-sena elfejn (2000) u fix-xhur ta' qabel ikkorrompa lil ***Omissis***, minuri, u li ukoll offenda l-pudur jew il-morali b'ghemil fil-pubbliku jew espost ghall-pubbliku. L-appellant iddikjara li ma kienx hati ta' dawn l-akkuzi u l-kaz ipproceda kontra tieghu bil-gbir tal-provi sakemm fl-erbgha (4) ta' Lulju tal-elfejn u hamsa (2005) l-Avukat Generali baghat il-kaz quddiem il-Qorti tal-Magistrati ghal gudizzju fejn ikkwota illi setghet tinstab htija fil-kuntest tal-artikolu 18 u 203; 18 u 209 tal-Kodici Kriminali (fol 113).

Il-Qorti tal-Magistrati tat is-sentenza taghha fil-hdax (11) ta' Jannar tal-elfejn u hdax (2011) (fol 182) fejn iddikjarat illi sabet htija fil-konfront tal-appellant ghal dak li jirrigwarda l-ewwel akkuza, iddikjarat kwindi illi t-tieni akkuza ma treggix u wara li rat l-artikolu 18, 203(1)(c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ikkundannat lill-appellant ghal perjodu ta' prigunerija ta' tlett (3) snin.

L-appellant hassu aggravat minn din is-sentenza u minnha interpona appell. L-aggravju tieghu kien jikkonsisti fil-fatt illi l-ewwel Qorti ma setghetx issib lill-appellant hati tal-aggravji skont l-artikolu 203(1)(c) peress illi l-Avukat Generali ikkwota biss l-artikolu principali 203 minghajr l-aggravji u peress illi l-Qorti hija marbuta fil-parametri tal-artikoli ikkwotati mill-Avukat Generali ma setghetx skont il-ligi tirreferi ghall-aggravji fil-kuntest tas-sub inciz (c). Ukoll illi peress illi l-Qorti irriferiet ghall-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali kif kellha tikkonsidra xhud, dina ma tatx ir-ragunijiet ghaliex deherilha illi x-xhieda ta' ***Omissis*** kienet aktar verosimili minn dik tal-appellant.

Ikkunsidrat:

Ghal dak li jirrigwarda l-ewwel aggravju huwa minnu illi l-Qorti tal-Magistrati hija strettament marbuta mal-artikoli ikkwotati mill-Avukat Generali fl-att tar-rinviju tieghu u ma tistax minn rajha tirreferi ghal artikoli ohra mhux ikkwotati mill-Avukat Generali fir-rinviju. F'dan il-kaz, l-Avukat Generali ikkwota l-artikolu 203 u l-artikolu 209 minghajr ma ghamel riferenza ghas-sub artikoli illi jsegwu kull artikolu. Hija l-fehma ta' din il-Qorti illi l-Avukat Generali ma kellux ghalfejn jirreferi ghas-sub artikoli meta jirreferi ghal artikolu principali. U l-istess setghet taghmel il-Qorti fil-gudizzju taghha tirreferi biss ghall-artikolu 203 u teroga l-piena skont kif jidhrilha opportun minghajr ma tirreferi ghas-sub artikoli sussegwenti. Fil-kawza "Il-Pulizija versus Joseph Farrugia" deciza fit-13 ta' Jannar 1995 il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet, "issa huwa veru illi l-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali jghid li sentenza ghandu jkun fiha l-artikolu tal-ligi li jikkontempla r-reat, u din l-espressjoni giet dejjem interpretata fis-sens li jekk artikolu jew regolament ikun fih diversi sub artikoli jew paragrafi, hu bizzejjed li jigi indikat l-artikolu jew ir-regolament minghajr il-htiega ta' indikazzjoni tas-sub artikolu jew il-paragrafu." Dan japplika ukoll ghall-Avukat Generali fejn jkun baghat l-atti ghal gudizzju skont l-artikolu 370(3) tal-Kap 9 li jawtorizza lill-Qorti tal-Magistrati, bil-kunsens tal-imputat, illi toqghod f'gudizzju ghal reati li jkunu irrizultaw waqt il-kumpilazzjoni u jikkwota l-artikoli koncernati. Li ma jistax jaghmel l-Avukat Generali huwa li jdahhal reati li dwarhom ma tkunx saret il-kumpilazzjoni. Dan zgur li mhuwiex il-kaz f'din il-kawza ghax l-Avukat Generali ikkwota artikoli li ghandhom x'jaqsmu mal-akkuza principali u sta ghall-Qorti li fil-gudizzju taghha mbaghad tidhol aktar fid-dettal u tikkwota aktar preciz is-sub artikoli koncernati tal-artikolu ikkwotat mill-Avukat Generali.

F'dan il-kaz lill-Qorti irrizultalha l-aggravju fil-kuntest tas-sub artikolu (c) tal-artikolu 203 u korrettament ikkwotatu. Ghalhekk din il-Qorti ma tara xejn hazin fl-operat tal-Qorti tal-Magistrati u tichad l-ewwel aggravju tal-appellant.

Ikkunsidrat:

Ghal dak li jirrigwarda t-tieni aggravju l-appellant irrefera ghall-provi u deherlu illi dawn ma jwasslux sal-grad ta' prova rikjest mil-ligi fil-kamp penali. Di più l-Qorti messha tat ir-ragunijiet taghha ghaliex deherilha illi x-xhieda ta' ***Omissis*** kienet aktar veritiera u kredibbli minn dik tal-appellant. Hawnhekk ghadda biex irrefera u ikkwota diversi inkonsistenzi fil-fatti u mix-xhieda moghtija minn ***Omissis*** u xhieda ohra tal-Prosekuzzjoni.

Ikkunsidrat:

Fl-evalwazzjoni taghha tax-xhieda, l-Qorti ghamlet riferenza ghall-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali illi jaghti linja gwida lil min qed jiggudika l-fatti biex jaghmel certa konsiderazzjonijiet dwar il-provi u xhieda li jkollu quddiemu. Dan l-artikolu jkun ta' assistenza meta jkun hemm konflitt fil-provi peress illi mhux kull konflitt fil-provi bilfors irid iwassal ghal-liberatorja ta' dak li jkun izda l-Qorti ghandha taghmel evalwazzjoni ta' dawn il-provi fil-kuntest tal-artikolu fuq imsemmi u tara lil min se temmen u ma temminx u fhiex ser temmnu. Hu ovvju li l-Qorti ghamlet dan l-ezercizzju u deherilha fid-diskrezzjoni taghha, illi l-parti leza ***Omissis*** kien kredibbli, veritier u li l-istorja tieghu kienet tinkwadra fic-cirkostanzi tal-kaz. Fis-sentenza taghha l-ewwel Qorti tat ragunijiet ghaliex deherilha li kellha tasal ghal din il-konkluzjoni u din il-Qorti ma jidhrilhiex illi ghandha tiddisturba din id-diskrezzjoni la mix-xhieda prodotta l-ewwel Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghal

din il-konkluzjoni. Fis-sentenza taghha l-ewwel Qorti qalet, "... it-tqeghid ta' id l-imputat fuq il-parti genitali tal-minuri ***Omissis***, minkejja li dan sar fuq il-hwejjeg, jikkwalifika taht "lewd act" skont l-artikolu 203 tal-Kodici Kriminali, "lewd act" illi kienet kapaci tikkorrompa minuri ta' dik l-età u cioé ta' bejn it-tlettax u erbatax-il sena ...". Din il-Qorti ma ssib xejn x'ticcensura f'din id-dikjarazzjoni. L-ewwel Qorti kellha l-persuni jixhdu quddiemha, hadet qies tal-imgieba, kondotta u karattru, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandhiex mis-sewwa jew hijiex konsistenti u ta' fattizzi ohra tax-xhieda tieghu u jekk ix-xhieda hijiex imsahha minn xhieda ohra u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. L-appellant ghamel hafna enfazi fuq il-fatt illi x-xhieda ta' ***Omissis*** ma kinitx konsistenti. Meta l-ligi titkellem dwar il-konsistenza ma jfissirx illi b'daqshekk xhieda ghandha dejjem tirrepeti l-istess dettalji u cirkostanzi ta' qabel. Jekk fis-sustanza x-xhieda tkun l-istess, allura hemm il-konsistenza aktar u aktar meta din ikollha mis-sewwa, imsahha minn xhieda ohra u tinkwadra fic-cirkostanzi tal-kaz.

Din il-Qorti ghamlet apprezzament tal-provi prodotti quddiem l-ewwel Qorti u waslet ghall-konkluzjoni illi dik il-Qorti kienet ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha u ghalhekk mhux il-kaz illi tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.

Ghal dak illi jirrigwarda l-piena l-principju regolatur hu li mhux normali illi l-Qorti tal-Appell tiddisturba d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti jekk jirrizulta illi l-piena erogata hija fil-parametri tal-ligi. Bhalma digà nghad, l-ewwel Qorti ghamlet sew meta irriferiet ghall-artikolu 203(1)(c) tal-Kodici Kriminali u erogat piena fil-parametri ta' dak l-artikolu u ghalhekk mhux il-kaz illi hawn ukoll jigi disturbat.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi li tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------